**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 186/14**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Jean Caruana**
**(ID 210891(M))**

**Illum: 29 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jean Caruana**, bin Raymond u Mary nee` Zerafa, imwieled il-Pieta` nhar it-18 ta' April 1991, residenti 6, Rothara, Triq Sir H. Luke, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 210891(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-9 ta' Mejju 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2016, il-Prosekuzzjoni ddikjarat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing*;

Rat ukoll illi fl-istess seduta, minkejja illi l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, din l-ammissjoni ġiet irtirata minnu;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat bir-reati ta' traffikar tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha, liema traffikar il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kien wieħed *by sharing* ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll bil-pussess 'sempliċi' tal-istess pjanta tal-*cannabis*, u dan b'referenza għad-9 ta' Mejju 2013 u x-xhur ta' qabel din id-data. In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda:

1. **L-Ispettur Pierre Grech** jgħid illi fid-9 ta' Mejju 2013 ġew arrestati minn ġewwa Ta' Qali tliet persuni, fosthom l-imputat odjern. L-arrest sar minn uffiċjali tal-*Mobile Squad* wara tfittxija, fuq suspett illi dawn setgħu kienu fil-pussess ta' sustanzi illegali. Minn tfittxija li saret fuq dawn it-tliet persuni irriżulta illi huma kienu fil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis*. L-istess xhud jgħid ukoll illi għalkemm huwa kien *Duty Officer* dakinhar, ma kienx involut fil-każ stante illi l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Ispettur Malcolm Bondin.[1]

2. **PC 525 Charlton Falzon Cascun** jixhed illi dakinhar tad-9 ta' Mejju 2013, għall-ħabta tal-11.00 p.m., waqt ronda ġewwa Ta' Qali, hu u l-kollega tiegħu lemħu tliet karozzi pparkjati wara l-*basketball court* ġewwa biċċa għalqa. Il-Pulizija avviċinaw dawn il-vetturi u raw vettura bajda tal-marka Opel Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni CBW 064, f'liema vettura

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 11 sa 13 tal-proċess.

kien hemm erba' persuni. Hekk kif resqu aktar qrib il-vettura, innutaw lil wieħed mill-passiġġieri joħroġ idu mill-istess vettura u jarmi xi ħaġa. Irriżulta illi dan kien Marco Attard, wieħed mill-passiġġieri fil-vettura. Jgħid ukoll illi x'ħin fetħu l-bieba tal-vettura, minnha ħarġet daħna kbira għax il-passiġġieri kienu qegħdin ipejpu. Saret tfittixija fil-vettura, fejn irriżulta li kien hemm Marco Attard, Julian Bonnici, Stephen Portelli u l-imputat odjern. Fuq il-persuna ta' Julian Bonnici instabu *crusher* tal-kulur oranġjo u pakkett lubretti u dan ammetta li kien intrema pakkett mit-tieqa tal-vettura li kien tiegħu. Fil-pussess ta' Marco Attard instab basket iswed li fih kien hemm lubretti u ammetta li kien rema bajda tal-plastik ta' lewn aħdar li fiha kien hemm xi pjanta tal-*cannabis*. Din instabet fuq il-post stess u ġiet elevata.

Ix-xhud jgħid ukoll illi meta nfetħet il-bieba tal-vettura, l-imputat kien qed iżomm *ashtray* sewda f'idejh, f'liema *ashtray* kien hemm żewġ *joints* suspettati bil-*cannabis,* li kienu għadhom qed jaqbdu. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, instabu pakkett lubretti u *sachet* kontenenti sustanza suspettata *cannabis*. Fil-vettura kien hemm ukoll Stephen Portelli li fuqu ma nstab xejn u li nnega li kien involut fit-tipjip tal-*cannabis*. Dan ikkonfermawh ukoll il-passiġġiera l-oħra li kien hemm fil-vettura. Attard, Bonnici u l-imputat odjern ġew arrestati.[2]

3. **Ex PC 1503 David Buhagiar** jikkonferma illi fid-9 ta' Mejju 2013 għall-ħabta tal-11.10 p.m., waqt ronda ġewwa Ta' Qali flimkien ma' PC 525, lemħu tliet karozzi pparkjati wara l-*basketball court*, f'waħda mil-liema vetturi kien hemm erba' persuni, wieħed minnhom l-imputat odjern. Id-dawl ta' ġewwa tal-vettura kien mixgħul u l-passiġġiera dehru jagħmlu xi ħaġa suspettuża. Hekk kif iż-żewġ pulizija avviċinaw il-vettura, innutaw lil tnejn mill-passiġġiera jarmu xi ħaġa minn ġol-karozza u kif fetħu l-bieba xammew ukoll riħa qawwija ta' duħħan li ma kienx duħħan tas-sigaretti. Saret tfittxija fuq l-erba' passiġġiera u nstabu diversi oġġetti relatati mal-użu tad-droga. B'referenza għall-imputat odjern, ix-xhud jgħid illi huwa kien riekeb fuq wara tal-vettura u bejn saqajh kien qed iżomm *ashtray* li fiha kien hemm żewġ *joints* mixgħulin. Taħt saqajn l-imputat, instabet ukoll borża b'sustanza suspettata *cannabis*. Ikkonferma illi l-passiġġiera l-oħra kienu fil-pussess ta' oġġetti oħra, ħlief għal Stephen Portelli.[3]

4. **L-Ispettur Jonathan Cassar** ippreżenta sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Sp Bernard Caruana) vs Jean Caruana et', mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-16 ta' Lulju 2010.

---
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 14 sa 17 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 29 sa 31 tal-proċess.

5. **L-Ispettur Malcolm Bondin** ikkonferma illi huwa kien ħa l-istqarrija tal-imputat nhar l-10 ta' Mejju 2013 u li kien tah id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[4]

Xehed ukoll l-**imputat** illi spjega li fid-9 ta' Mejju 2013 iltaqgħu Ta' Qali fil-karozza ta' wieħed minn sħabu. Kull wieħed minnhom kellu d-droga tiegħu u kulħadd beda jrembel u jpejjep mid-droga tiegħu stess. Da parti tiegħu, huwa kellu borża, għalkemm il-kwantita` ta' fiha ma kienx jafha, riżla u tabakk u kien qed irembel il-lubretti tiegħu stess. Jgħid illi huwa pejjep. Spjega illi meta waslu fuqhom il-pulizija, huwa kellu l-*ashtray* fuqu. Żied jgħid illi billi kellu l-*ashtray* tal-karozza fuqu, ġie jidher illi l-*ashtray* kienet tiegħu. Spjega wkoll illi mill-*cannabis* tiegħu, huwa pejjep dak li kien rembel huwa stess. Saħaq illi sħabu, Marco Attard u Julian Bonnici, kellhom l-affarijiet tagħhom. Jgħid ukoll illi ħadd minn sħabu ma ħa mill-*joint* tiegħu.[5]

**Raymond Caruana**, missier l-imputat, xehed illi l-imputat jgħix miegħu, illi għalkemm kien qed isegwi kors l-Universita' waqaf u sab impjieg ma *betting company*. Illum il-ġurnata jaħdem bix-*shift* u għalhekk ma tantx joħroġ. Hu jsus wara ibnu u qatt ma sablu xejn suspettuż. Spjega wkoll illi l-imputat tilef lil ommu madwar għaxar snin ilu u dan ħalla impatt kbir fuqu. Ix-xhud żied jgħid illi ra kambjament fl-imputat.[6]

**Ikkunsidrat ukoll**:

Qabel tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Jirriżulta illi l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tiegħu fl-10 ta' Mejju 2013, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi d-dritt lill-persuna arrestata jew suspettata għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tagħha, stante illi dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 25 sa 27 tal-proċess.
[5] Ara x-xhieda tal-imputat a fol. 33 sa 39 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 40 sa 43 tal-proċess.

inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, il-Qorti tal-Appell Kriminali skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien in kwistjoni.[7]

[7] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Din il-Qorti jidhrilha illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, b'tali mod illi kemm il-darba l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni tali stqarrija, allura din sejra definittivament ikollha impatt fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri u għalhekk fuq l-eżitu tal-istess. Għaldaqstant, fit-termini tas-sentenzi fuq ċitati u anke fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tqis tali stqarrija bħala inammissibbli u qed tiskarta wkoll, bħala inammissibbli, kwalunkwe referenza għall-istess stqarrija, inkluż ir-referenza għall-istqarrija li saret lill-imputat waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni - Traffikar tal-pjanta tal-*cannabis*</u>**

Permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' traffikar tal-pjanta tal-*cannabis*. Il-Prosekuzzjoni issostni illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing*.

Jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi l-imputat ġie addebitat b'din l-imputazzjoni unikament u esklussivament a bażi ta' dak li huwa ddikjara fl-istqarrija tiegħu, liema stqarrija ġiet iżjed 'il fuq dikjarata inammissibbli. Skartata l-istqarrija tal-imputat ma jifdal ebda prova oħra in sostenn tal-ewwel imputazzjoni. Mix-xhieda tal-imputat jirriżulta illi għalkemm kien qed ipejjep il-*cannabis* fil-kumpanija ta' sħabu, kull wieħed minnhom kellu d-droga tiegħu u kull wieħed pejjep mill-*joint* tiegħu stess. Effettivament jirriżulta illi fl-*ashtray* li kienet fil-

pussess tal-imputat, kien hemm żewġ *joints* u illi apparti s-sustanza li nstabet fuq il-persuna tiegħu (skont PC 525) jew taħt saqajh (skont ex PC 1503), ġiet elevata sustanza oħra u oġġetti oħrajn relatati mal-użu tad-droga bħal lubretti u *crusher* li nstabu fuq il-persuni l-oħrajn fl-istess vettura. Miċ-ċirkostanzi li fihom instabu l-imputat u l-passiġġiera l-oħra fil-vettura m'hemm l-ebda prova li turi illi l-imputat kien qasam mid-droga tiegħu ma' sħabu. Il-fatt illi l-*ashtray* bil-*joints* instabet fil-pussess materjali tal-imputat ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni illi huwa kien forna d-droga, li ġiet ikkunsmata jew li kienet qed tiġi kkunsmata, lil sħabu. Il-fatt li fl-istess *ashtray* kien hemm żewġ *joints* imqabbdin juri biss illi iżjed minn persuna waħda kienet qed tikkonsma l-*cannabis* fl-istess ħin.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni – Pussess 'sempliċi' tal-pjanta tal-*cannabis*</u>**

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat ukoll bil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis*.

Jirriżulta illi minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat instab pakkett lubretti u skont PC 525, ukoll fuq il-persuna tal-imputat, instab *sachet* b'sustanza suspettata *cannabis* ġo fih. Skont ex PC 1503, dan is-*sachet* instab taħt saqajn l-imputat. F'idejh, l-imputat kellu wkoll *ashtray* li kien fiha żewġ *joints* li kienu għadhom jaqbdu. L-imputat jammetti fix-xhieda tiegħu illi dakinhar huwa kien fil-pussess ta' borża għalkemm ma jafx x'kienet il-kwantita` (tal-*cannabis*) ġewwa fiha, riżla u tabakk, li rembel il-lubretti tiegħu stess u li mbagħad pejjep. Fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-piż tas-sustanza in kwistjoni kien ta' ċirka nofs gramma *cannabis grass,* id-difiża kkonċediet illi s-sustanza esebita kienet *cannabis grass* u li għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jitqabbad espert forensiku sabiex janalizza l-istess sustanza.

Għaldaqstant it-tieni imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentment ippruvata, iżda biss in kwantu din tirreferi għall-jum tad-9 ta' Mejju 2013 u mhux għax-xhur ta' qabel din id-data, fir-rigward ta' liema żmien ma nġabet l-ebda prova.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern li tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija dwar traffikar *by sharing* tar-raża tal-*cannabis* u pussess tal-istess raża.

Tqis ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat, illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha u jidher illi għandu mpjieg fiss u qed jgħix ħajja stabbli.

**<u>Konklużjoni</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d) u 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, tiddikjara lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni in kwantu din tirreferi għad-9 ta' Mejju 2013 (u mhux għax-xhur ta' qabel) u tikkundannah għal penali ta' tmenin ewro (€80).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-*joints* esebiti bħala Dok. JC 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat